

## Pittur ċelebri tas-seklu 18...

# Francesco Zahra 1710-1773

Silvio Cassar

Bla dubju ta' xejn, l-Għargħurin dejjem raw kif ser isebbħu t-tempju maestuz tagħhom iddedikat lill-Appostlu San Bartolomew. Għaldaqstant dejjem għamlu l-almu tagħhom sabiex esponenti ewlenin Maltin ikunu huma li jżejnu l-Knisja Parrokkjali li hija l-qofol u ċ-ċentru ta' kollox għall-Għargħurin.

Artist ċelebri ieħor Malti – **Francesco Zahra** – ħalla għeruq fondi f'pajjiżna specjalment f'dik li hi arti barokka. Ibda mill-kwadri laterali li jinsabu ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għargħur. Hemm naraw żewġ xeni mill-ħajja ta' Ġesu' Kristu. Fil-kwadru tax-xellug naraw il-miġja ta' Ġesu' tarbija fl-għar ta' Betlehem li jirrappreżenta t-twelid ta' Sidna Ġesu' Kristu...in-Nativita' filwaqt li fil-kwadru tal-lemin naraw lil Sidna Ġesu' Kristu jwaqqaf l-Ewkaristija fl-Aħħar Ċena. Hawn naraw lil Zahra jerġa' jibbrilla b'żewġ kwadri oħra mill-isbaħ. Iż-żewġ kwadri ta' Zahra jagħmlu l-kor wiehed rikk u komplut għall-aħħar. Dawn huma żewġ kwadri li ma tixbaħx tħares lejhom u fl-istess ħin tammira l-kapaċita' ta' Zahra fl-arti sagra. Il-kontribut ta' Zahra jkompli f'din il-Knisja fejn għal darb'oħra naraw il-ħila ta' dan l-artist ewlieni Malti tas-seklu 18 b'pittura oħra li tinsab fl-artal li juri l-Madonna tal-Parir it-Tajjeb b'San Bastjan u San Rokku jħarsu lejn il-Madonna. Kwardu ieħor impitter minn Zahra hu tal-Madonna taċ-Ċintura li fih jidhru Santa Monika, Santa Rosalja, San Girgor Papa, Santu Wistin, Sant'Antnin ta' Padova u Sant'Andrija. Kwadru li juri xejn anqas minn 8 personaġġi.



*Il-Kwadru tal-Aħħar Ċena*

Francesco Zahra, twieled fil-Belt *Invicta*, l-Isla fl-1710. Tgħammed fil-Bazilika ta' Isla ddedikata lin-Nativita' ta' Marija fil-15 ta' Dicembru 1710. Iżżewweġ fil-Belt Valletta lil Theresa Fenech fl-1742 eżattament fil-Parroċċa ta' San Pawl fejn baqa' joqgħod sa ma miet nhar id-19 ta' Awissu, 1773. Hu jinsab midfun fl-istess Parroċċa. Intant, Francesco Zahra hu wild ta' familja mimlija talenti artistiċi. Biżżejjed insemmu lil missieru Pietro Paolo Zahra (1685-1747), skultur popolari u mgħallem fis-sengħa tal-ġebla Maltija f'dawk iż-żminijiet. Hu tgħallem taħt artist ieħor ċelebri tas-seklu 17 Ġan Nicola Buhagiar li kien jiġi ħatnu (in-nisa tagħhom kienu aħwa). Tajjeb li ngħidu li dawn iż-żewġ artisti, barra li jiġu minn xulxin kienu spiċċaw ħbieb kbar u kienu ħadmu flimkien l-Apside tal-Knisja Arċipretali taż-Żejtun.

Tibqa' inċert fuq ħaġa waħda dwar Zahra fil-karriera tiegħu ta' pittur...jekk tgħallimx barra minn Malta jew le. Sibt żewġ verzjonijiet. Sibt dik li Zahra, minkejja li laħaq livelli kbar fil-ħiliet artistiċi tiegħu f'dak li jirrigwarda pitturi sagri, jingħad li qatt ma studja barra minn xtutna. Pero', jingħad ukoll li Zahra kien ipperfezzjona t-teknika tiegħu fil-belt ta' Napli ġewwa l-Italja. Dan jista' joħroġ mill-kaz li Zahra emmen l-aktar fi stil Barokk Naplitan għax għaqqad r-realizmu u d-drammaċita' flimkien. Zahra kien meqjus bħala l-pittur għall-arti barokka u fih dehret influenza kbira minn Mattia Preti li f'Malta kellu xogħlijiet enormi...bizzejjed insemmu s-saqaf tal-Kon-Katidral ta' San Gwann.

Francesco Zahra kien ħabib kbir ta' pittur ieħor famuz li ħadem xogħlijiet f'pajjiżna...il-pittur Franċiz Antoine de Favray (1706-1798). Favray kien aktar imfittex mill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Gwann f'Malta. Zahra stabbilixxa ruħu aktar f'arti sagra barokka fil-Knejjes tagħna. Ġara izda, minħabba li Zahra miet 25 sena qabel Favray, allura kien dan tal-aħħar li bil-mewt ta' Zahra sar aktar popolari fix-xogħlijiet artistiċi tiegħu.

Xogħlijiet ta' Francesco Zahra jinsabu fid-diversi Knejjes madwar il-gżejjer Maltin. L-opri li ħallilna jixhdu l-kapaċita' u l-ħila li kellu fih Zahra. Nagħtu ħarsa ħafifa dwar fejn jinsabu xi opri ta' Zahra. Ibda minn dak il-kwadru laterali li jinsab ġewwa l-Bazilika ta' Marija Bambina f'belt twelidu l-Isla tat-Tħabbira tal-Arkanġlu Gabriel lil Marija, il-kwadru tal-Madonna tar-Ruzarju fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien u l-kwadru ta' San Vinċenz Ferrer ġewwa l-Knisja ta' Porto Salvo fil-Belt Valletta (San Duminku). Inkomplu biż-żewġ kwadri laterali li jinsabu fil-Knisja Arċipretali ta' San Nikola s-Siġġiewi li juru lil San Nikola jeħodha



kontra t-tagħlim ħażin li beda jxerred Arju u San Nikola fil-Kalzri (ħabs), il-kwadru ta' l-Ordinazzjoni u l-mewt ta' San Filep ġewwa l-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ, il-kwadru tal-Purifikazzjoni tal-Madonna fit-Tempju u dak tal-Madonna taċ-Ċintura fil-Knisja Arċimatriċi ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, il-kwadru ta' l-Anġlu Kustodju u San Pawl fil-Knisja Parrokkjali tas-Salvatur f'Ħal Lija.

Fil-Katidral t' Għawdex insibu l-kwadru tal-Qalb ta' Ġesu', fl-Oratorju ġewwa l-Knisja Arċipretali taż-Żejtun insibu kwadri dwar l-Ewkaristija, xejn inqas minn 14-il kwadru fosthom it-titular fil-Bażilika Elenjana f'B'Kara filwaqt li wieħed mill-ikbar xogħlijiet insibuh ġewwa l-Awla Kapitulari fil-Katidral ta' l-Imdina li tirraprezenta l-ħajja ta' San Pawl li saret fl-1756. Anke l-Knisja Matriċi u Arċipretali tan-Naxxar tiftaħar bix-xogħlijiet ta' Francesco Zahra. Kwadri ta' Santa Marija, tal-Madonna tar-Ruzarju flimkien ma' 15-il kwadret li juru l-misterji tar-Ruzarju, kwadru ta' San Gejtanu jirċievi l-Bambin u kwadru dwar il-Martirju ta' San Lawrenz juru l-kontribut artistiku li ħadem ġewwa l-Parroċċa tan-Naxxar. Xogħol sabiħ immens attribwit lil Francesco Zahra jinsab fil-Knisja ta' San Pawl tat-Tarġa limiti tan-Naxxar. Dan il-kwadru titulari juri l-San Pawl ifarfar il-lifgħa u kkunsidrat bħala wieħed mill-aħjar xogħlijiet ta' dan l-artist. Fil-Knisja tal-Kunvent tal-Klawsura ta' Santa Margerita f'Bormla nsibu xogħol ewlieni ta' Zahra li sar fl-1739. Dan jinsab fuq l-artal maġġur li juri lill-Madonna tal-Karmnu b'San Ġwann tas-Salib iħares attent fil-preżenza ta' Santa Tereza filwaqt li tidher ukoll Santa Margerita, patruna ta' dan il-Kunvent.

Iva... rajna x'ħiliet kellu l-pittur Francesco Zahra. Mhux ta' b'xejn pajjizna għandu biex jiftaħar b'dawn it-teżori artistiċi. U saħansitra studjużi/kritiċi jqisu lil Francesco Zahra bħala wieħed mill-aqwa pitturi li s-seklu 18 pajjizna gawda x-xogħlijiet tiegħu u aħna kellna x-xorti li napprezzaw dan il-patrimonju artistiku li Zahra ħalla fid-diversi Knejjes fil-Gzejjer Maltin. Dmirna hu li nħeġġu lill-ġenerazzjoni li tielgħa sabiex barra li tapprezza dan il-wirt kulturali, tfittex il-ħin sabiex tkun tista' zzur dawn l-opri mill-aktar artistiċi għax b'hekk inkunu nistgħu nkabbru s-sens artistiku l-aktar fost iz-zgħazagħ.

***Referenzi***


- Il-Website **Answer.com** dwar ħajjet l-artist Francesco Zahra.
- Ktieb tal-Festa 1994 **Każin tal-Banda San Gabriel – Ħal Balzan AD 1920.** Kwadri ta' Marija Annunzjata f'Malta ta' Joe Balzan - pg 78 – 79.
- Teżori fil-Knejjes Maltin. Pubblikazzjoni PIN. Tony Terribile.
- Cospicua Parish Church Online.



